KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGĦA NUMRU 42**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa, 29 ta' Diċembru, 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l- Erbgħa, 29 ta' Diċembru, 2021, fl-16:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 42.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

42.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 42.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

42.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li l-minuti tal-aħħar laqgħa ma kienux lesti, u dan peress li matul ix-xahar kellu jiddedika kważi l-ħin kollu tiegħu fuq l-eżerċizzju ta' awditjar għas-sena 2020. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa jistgħux dawn il-minuti jitressu fil-laqgħa li jmiss.

42.2.2 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai insista għal minuti, minħabba li irid jagħmel statement fuq il-laqgħa li għaddiet. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li ġie akkuzat b'ċertu affarijiet li jixtieq jiċċarahom; u għalhekk talab għall-minuti.

42.2.3 Ġie mistoqsi jekk qatt konna f'sitwazjoni fejn il-minuti ma ġewx ippreżentati fil-laqgħa sussegwenti. L-Aġgent Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

42.2.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg qabel li laqgħa titkompla, la darba din ma kienitx l-ewwel darba u f'każijiet oħra l-laqgħa kompliet.

42.2.5 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-laqgħa għandha titkompla.

42.2.6 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li hu mportanti li jkun hawn il-minuti.

42.2.7 Intlaħaq qbil li l-minuti jingħataw prijorità fuq xogħol ieħor. Għalhekk ser jiġu ppreparati l-minuti ta' laqgħa numru 41 u tissejjaħ laqgħa urġenti fl-iqsar ħin possibbli biex dawn jiġu approvati.

## 42.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

42.3.1 Is-Sindku Paul Buttigieg għarraf lill-Kunsill li t-tqassim tal-Kotba għat-tfal tal-iskola primarja sar. Stqaarr li jħossu kuntent li din l-idea tiegħu tant kienet success li issa anke entitajiet oħra qed jagħmlu l-istess madwar Għawdex.

42.3.2 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-inizjattiva tax-*shopping bags* jidher li ntlaqgħet tajjeb mir-residenti, fejn anke sema kummenti pożittivi fuq il-kwalità tal-basktijiet.

42.3.3 Is-Sindku radd ħajr lill-*electrician* tal-Kunsill u lill-Ministeru għal Għawdex għaliex permezz tagħhom ir-raħal huwa mżejjen sabiħ għall-Milied.

12.3.4 Is-Sindku għamel referenza għal dak li kien ġie diskuss fil-laqgħa ta' Novembru[1] biex tintalab stima għal *patching* urġenti. Hu flimkien mal-iskrivana tal-Kunsill ilhom xahar jiġru wara *Road Construction* għal stima iżda sa issa l-Kunsill għadu mingħajr tweġiba. Is-Sindku talab permess lil Kunsill biex jiġu avviċinati wkoll *Gatt Group of Companies*. Il-Kunsill qabel ma dan.

42.3.5 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li l-maltemp ta' Ottubru u Novembru sarraf f'ħafna xogħol ta' *patching* fit-toroq. Il-*compactor* ġdid li nxtara riċentement instab ferm utli, imma l-Kunsill qed jesperjenza nuqqas ta' *cold mix* min-naħa tas-*supplier*. Dan in-nuqqas qed jiġi esperjenzatt minn Kunsilli Lokali oħrajn ukoll. Is-Sindku irrimarka li kien hemm drabi fejn kellu jmur hu bil-karozza private tiegħu biex iġib xkejjer tal-*cold mix* mingħand il-fornitur. Is-Sindku qal li huwa facli li wieħed jilmenta iżda qabel ma jsir dan, ikun tajjeb li wieħed jara jkunx hemm xi raġuni għal dan id-dewmien.

42.3.6 Is-Sindku qal li bħalissa qiegħed isir xogħol fi Triq Patri Piju XII, fejn *Water Services Corporation* (WSC) biddlu l-mains tal-ilma u l-Ministeru għal Għawdex ħallsu għat-*tarmac* u l-*gutters*. Inbidel ukoll is-servizz tad-drenaġġ. Is-Sindku rrapporta li għaddiet komunikazzjoni bejnu u l-Ministru għal Għawdex fejn it-tnejn qablu li t-tieni wiċċ isir

---

[1] Vide Minuta 41.4.19



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

wara li l-bini li qed isir fl-istess triq ikun lest u dan biex jiġi evitat ħsarat u/jew li t-triq ikollha terġa' tinqala mill-ġdid.

42.3.7 Is-Sindku fakkar li l-WSC kellhom tliet proġetti fil-Qala, li jikkonsistu fi bdil ta' mains fit-toroq tal-Wardija, Papa Piju XII u Triq il-Mitħna għal Triq in-Nadur. Dawn ilhom li bdew jiġu ppjanati mis-sena 2017, waqt li t-tenders ingħataw fis-sena 2019. Tenna li proġetti ta' dan il-kobor jeħtieġu ħafna preparazzjoni qabel ma x-xogħol jibda jidher.

42.3.8 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li irċieva diversi ilmenti li bejn Triq ta' Kassja u Triq l-Imġarr kien qed ikun hemm ħmieġ li jitħalla minn fuq trakkijiet li jkunu qed jaħdmu fiz-zona ta' kassja. Is-Sindku qal li pprova jitkellem mal-ħaddiema biex jirranġa bil-kelma t-tajba imma dan kein għalxejn. Wara dan bdew isiru rapporti mal-pulizija.

42.3.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-electrician sab tarf tal-ħsara tal-problema fid-dawl li kienet qiegħda twaqqa s-salvavita fi Ġnien il-Familja ta' spiss. Din il-ħsara ġiet minn taħt wieħed mill-bankijiet li nqalgħu biex isir l-*upgrading* tal-*clubhouse*.

42.3.10 Is-Sindku ħabbar li l-WIFI4EU issa qiegħed jaħdem u li rċieva kummenti pożittivi mingħand in-nies dwaru. Semma li d-dawl qiegħed jittieħed minn servizzi oħra ġia eżistenti u li jappartjenu lill-Kunsill; u radd ħajr lill-Arċipriet li qed jagħti d-dawl għal Pjazza San Ġużepp kif ukoll il-Kunċizzjoni. Is-Sindku qal li d-dawl għas-servizz fil-belvedere qiegħed jingħata minn persuna ta' nazzjonalità Ġermaniza, li qablet li tagħti d-dawl lill-Kunsill u talbet €100 kull sena għal dan. Il-Kunsill qabel li jiġi imħejji abbozz ta' ftiehim biex u jgħaddi mill-Kunsill qabel ma dan jiġi ffirmat.

42.3.11 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-ħaddiema ta' barra ħadu xi *vacation leave* matul Diċembru.

42.3.12 Is-Sindku Paul Buttigieg irringrazzja lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv għaliex kemm ilu fil-kariga l-kontijiet qed jitħallsu kollha regolarment. Is-Sindku żied li għall-ikla tal-Milied, fejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġab miegħu lil uliedu, (l-Aġent Segretarju Eżekuttiv) ħallas minn butu għall-ikel tat-tfal tiegħu.

42.3.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill li sar il-bieb tal-*partition* li ser tibda sservi bħala berġa. Il-Vici Sindku Ivan Cefai ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Manager Charlie Cordina biex naraw x'imhu meħtieġ għall-berġa.

42.3.14 Is-Sindku qal li inġabru tliet stimi għar-restawr tal-istatwa ta' San Ġużepp, għal liema xogħol inġabu €4,000 mill-Ministeru għal Għawdex. Talab li tittieħed deċiżjoni fuq dawn l-istimi llum[2].

[2] Vide minuti 42.8.2



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

42.3.15 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li twaħħlu *bins* ġodda fuq il-Belvedere. Dawn tħallsu mill-flus li l-Kunsill kien rebaħ meta ħa l-*Best Overall Performance award*.

42.3.16 Is-Sindku informa li Greenpak ser jistampaw notifika bil-kulur, b'tagħrif dwar ġranet li fihom jinġabar l-iskart. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li jsiru tabelli wkoll. Il-Kunsill qabel ma dan.

42.3.17 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li inġieb perit ħalli jiprepara stima biex ningħataw opinjoni fuq kif jista' t-traffiku jiġi mmaniġjat aħjar fi Triq il-Kuncizzjoni u Triq il-Forn. Il-Perit ta' stima li tammonta għal €490+vat. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak u Karl Buttiġieg qalu li ikun jaqbel iktar li jsir pjan ħolistiku tal-village core kollu (Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp, Triq il-Forn, Triq 28 ta' April, iz-zona tas-Salib, triq ir-Rebħa u Triq Isqof Mikiel Buttigieg). Il-Kunsill qabel ma dan. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jibgħat lill-Perit biex jiżdiedu it-toroq hawn fuq elenkati u tinħareġ stima ġdida.

42.3.18.1 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li qed nistennew kwotazzjonijiet għal *street cleaning*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ntefgħet waħda mis-Sur Joseph Sancto li ser tiġi diskussa mal-Materji Oħra. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet hux ser tkun *expression of interest*, bħal ma ġie diskuss magħha u l-Viċi Sindku Ivan Cefai. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-parir mogħti lilu mid-dipartiment kien li *Expression of Interest* tintuża fuq proġetti li jkunu ikbar minn hekk; u li għalhekk ġie suġġerit lilu li l-kwotazzjoni issir b'tali mod li jkun jista' jiġi aċċettat aktar minn offerta waħda. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li ma jafx dan jistax isir għaliex suppost tid tmur għall-irħas offerta. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser ikun qed jerġa jieħu parir ieħor.

42.3.18.2 Segwiet diskussjoni fuq x'għandu jsir mill-kwotazzjoni odjerna. Fuq din l-istess sejħa għal kwotazzjonijiet, il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li waqt il-laqgħa qed jintqal mod, iżda għand in-nises l-affarijiet qed jaslu mod ieħor tant li l-Viċi Sindku Ivan Cefai irċieva messaġġ, li jikkonċerna lilha wkoll, fejn huma ġew "mgħajjra" fuq ħaġa li mhux talli ma kellhomx jiġu mgħajjra iżda kellhom jiġu imfaħħra għaliex qabżu għal dan il-bniedem. Għalhekk il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak saħqet fuq l-importanza tal-minuti tad-darba l-oħra, ħalli hi tkun tista' tippreżenta l-minuti lil min kien għajjarhom. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak u l-Viċi Sindku Ivan Cefai għamluha ċara li ma għandhom xejn kontra s-Sur Joseph Sancto. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li l-proċeduri mhux qed isiru kif suppost, għaliex il-kwotazzjonijiet ma għandhomx isiru "out of thin air". Ippropona li sejħiet għal kwotazzjoniiet jibdew jixxandru fuq *facebook*. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qabel. Is-Sindku staqsa lill-kunsill irridux nibdew inxandru s-sejħiet għal kwotazzjonijiet fuq il-bulettin tal-Parroċċa. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li taqbel ukoll, iżda ma għandux għalfejn immorru l-estrem l-ieħor. Jiġi ċċarat li dan il-passaġġ ("immorru l-estrem l-ieħor") kien intiz għal parti fejn is-Sindku ippropona li sejħiet għal kwotazzjonijiet jiġu mxandra fuq il-bulettin.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

42.3.18.3 Intlaħaq qbil li l-kwotazzjoni għal *street cleaner* derġa' tinħareġ, u li l-kwotazzjoni oriġinali tiġi rritornata lill-offerent bla ma tkun miftuħa. Il-Kunsilliera qablu wkoll li minn issa 'l quddiem (il-Kunsilliera) jiġu avżati b'sejħiet għal kwotazzjonijiet li joħorġu.

42.3.19 Is-Sindku qal li kien hemm attendenza tajba għas-*site visit* li għamlet l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) ġewwa Hondoq. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa din kienitx xi attività tal-Kunsill, għax jekk le ma għandiex tidħol fil-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa, jekk fil-każ din kienet attività tal-Kunsill, għaliex il-Kunsill ma ġiex avzat? Segwiet diskussjoni dwar dan fejn ħareġ li din is-*site visit* kienet mitluba mill-PA fir-rigward tal-applikazzjoni għal żvilupp ġo Hondoq ir-Rummien, u li l-Kunsill huwa *objector* tagħha.

42.3.20 Is-Sindku qal li kellmu ġuvni li ppropona li jsir clean up il-Qala. Ġie propost li ssir laqgħa ma din il-persuna. Il-Kunsill ser ikun jiġi mistieden għal din l-ewwel laqgħa.

42.3.21 Is-Sindku qal li rċieva email mingħad Dr Claire Bonello dwar applikazzjoni għal żvilupp PA8900/20. L-istima biex isir l-appell hu ta' €960. Il-Kunsillier Joseph Buttiġieg staqsa l-Kunsill huwiex ifittex *quotations* għal dan is-servizz. Intqal li suppost ħareġ tender għal servizz ta' avukat. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li jintalab breakdown ta' dawn l-ispejjeż. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa kif qed jitħallsu dawn is-servizzi. Dr Bonello ser tkun qiegħda tintalab *breakdown* tal-ispejjeż.

42.3.22 Is-Sindku qal li ġew offruti numru ikliet ikliet tal-Milied, mir-Reġjun Għawdex lil familji fil-bżonn ġewwa l-Qala, u li tqassmu mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak. Jiġi ċċarat li dawn il-familji ma ntgħażlux mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak, iżda li ġiet mogħtija lista u li hi kull ma għamlet kien li qassmet l-ikel.

## 42.4 Aġġornament mill-Perit fuq proġetti varji madwar il-Qala;

42.4.1 Għal din il-parti tal-laqgħa ġie mistieden il-Perit Godwin Sultana biex ikun jista' jagħti spjegazzjoni tax-xogħol li qed isir. Bi qbil fost il-Kunsilliera l-*items* fl-aġenda li jikkonċernaw lill-Perit tmexxew 'il quddiem.

42.4.2 **Proġett Salib fi Triq il-Kunċizzjoni**: Id-Disinn ġie approvat mil Kunsill, u saret l-applikazzjoni mal Awtorità tal-Ippjanar. Il-Perit Sultana qal li bħalissa għaddej il-process tal-PA. L-i*screening* lest u qed nistennew minn *Transport Malta* (TM) u *consultees* oħra kif inhu l-proċess normali. Saret applikazzjoni għal *funding* u din it-talba ġiet approvata mill-Agrikoltura; li ser ikunu qed jagħmlu monitoring tal-proġett huma wkoll. Il-Perit Sultana



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

wera' fuq il-*laptop* kif inhu pproġettat li jsir ix-xogħol, u qal li qed jittama għal tweġiba fi żmien xaharejn.

42.4.3 **Tender għal *Civil Works***. Il-Perit Sultana spjega li t-tender għalaq u li saru 3 offerti. Il-Bord ta' evalwazzjoni talab kjarifika lil wieħed mill-*bidders* imma dan ma wieġibx; allura din l-offerta waqgħat. Fadal żewġ offerti validi. L-iskop tat-tender hu li jiġbor kemm jista' jkun xogħolijiet f'tender wieħed għaliex dejjem qed ikun hemm l-istess problema, cioe' li biex tagħmel *roundabout* tkun trid tender. Xogħlijiet fuq *roundabouts* ser isiru waħda waħda, u d-disinni ser ikunu mgħoddija lill-Kunsill. Fit-tender hemm inkluż xogħlijiet ta' cement fil-*playing field* Maġistrat Salvu Attard. Il-Perit Sultana qal li x-xogħol ser jibda l-ewwel fuq din.

42.4.3 **Playing Field Maġistrat Salvu Attard**. Il-Perit qal li t-Tender ikopri ċerti xogħlijiet li ma kienux koperti fl-ewwel tender peress li sar xi tibdil fid-disinn. Il-Peri qal li, jekk evaluation report jiġi approvat illum u ma jkunx hemm appelli, suppost fi Frar jibda' x-xogħol. Fil-frattemp il-Perit ser ikun qed jikkomunika mal-PA biex ikun hemm konferma mingħandom dwar il-fondi li kienu ġew imwiegħda lill-kunsill mill-istess PA.

42.4.4 **Triq 28 ta' April**. Il-Perit qal li l-fondi għal da nil-proġett ġew ikkonfermati mill-Ministeru għal Għawdex. Sariu diversi laqgħat mal-ministru u l-fornituri tas-servizzi. Kollox jidher li hu *in order* u l-fażi li jmiss hu li jinħareġ it-*tender*. Il-Perit staqrr l-inkwiet tiegħu li billi t-triq tan-Nadur hi magħluqa jaf jinħoloq inkonvenjent fil-ħin fejn it-Triq tal-iskola tkun magħluqa. Is-Sindku qal li importanti li ssir laqgħa bejn min jirbaħ it-tender u s-service providers biex ix-xogħolijiet ikunu "timed" tali mod li kemm jista' jkun jitnaqqas l-inkonvenjent. Issuġġerixxa li fit-tender tiddaħħal klawsola biex ikun hemm multi jekk iż-żminijiet ma jkunux rispettati. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jekk, meta kollox ikun lest, l-ilma minn Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg hux ser imur għal wied tal-Marġa? Is-Sindku wieġeb li le, għaliex il-wied ma jiflaħx għal dak l-ilma kollu. Il-Perit Sultana qal li jekk l-ilma ta Triq l-Isqof M Buttigieg jispiċċa fil-Wied tal-Marġa, il-*catchment area* ikun *too much* għal tal-Marga.

42.4.5 ***Rainwater control and harvesting***. Il-Perit qal hemm opportunita' li dan l-ilma tax-xita jispiċċa f' *recharge borehole* fejn l-ilma jerġa jispiċċa lura għall-*water table*. Qabel dan ikunu jridu jsiru testijiet ġeoloġiċi qabel. Il-Perit qal li bħalissa din l-idea tinsab fi staju ta' studju dettaljat. Il-ħsieb tal-perit hu li dan il-proġett isir żewġ postijiet: Pjazza Isqof M. Buttigieg u fejn il-*Playing field* Maġistrat Salvu Attard. Il-Kunsillier Joseph Buttiġieg staqsa jeżistix xi *funding* għal inizjattivi bħal dawn. Il-perit wieġeb fl-affermattiv. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa kemm jiswa proġett bħal dan. Il-Perit qal li jaħseb li *boreholes* bħal dawn jiġu jiswew forsi €10,000 euros il-waħda; jiġifieri t-total tal-proġett jistma li jkun total ta' €50,000.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

42.4.6 ***Road hump* Triq il-Belvedere, *Zebra Crossing* fi Triq l-Imgarr u sinjali tat-traffiku**. Il-Perit qal li saret applikazzjoni ma TM. Ta' TM qed jaqblu imma issa ser ikunu qed jitkellmu mal-Ministeru ta' Għawdex. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Perit żied li ser tkun trid titranġa l-bankina fi Triq l-Imġarr biex issir iz-*zebra crossing*, dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu koperti mit-tender tas-Civil Works. Il-perit qal li r-*road signage* imur maz-*zebra crossing*.

42.4.7 Tliet (3) **Proġetti fi stadju ta' disinn**. Il-Perit qal li issa li bit-*tender* tas-*civil works* ikunu jistgħu isiru ħafna xogħlijiet; issa jista' jiffoka fuq il-*water harvesting*, Triq il-Barbaġan u Pjazza San Kerrew. Il-Kunsill qabel li jibda' jaħdem fuq Pjazza San Kerrew. Il-Perit qal li Triq il-Barbaġan teżisti opportunita' kbira peress li t-Triq għanda pajsaġġ sabiħ, u li l-Ministru wkoll jaqbel ma dan. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet tixtieq tibqa' involuta f'dan il-proġett, u trid li l-pjanti ikunu "blended" mal-ambjent li diġa' hemm.

42.4.8 Il-Perit Sultana qal li jibqgħu ftit proġetti iżgħar, eż Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa meta se jsir it-tieni saff tat-tarmac fi Triq il-Kunċizzjoni. Is-Sindku wieġeb li dan ikun jista' jsir malli jiftah ftit it-temp, u li jikkalkula li hemm madwar 10 ijiem xogħol.

42.4.9 Is-Sindku faħħar il-kwalita' ta' xogħol li qed isir fi Triq il-Kunċizzjoni. Semma li s-Sur Bundic (uffiċjal fi ħdan il-*Water Services Corporation*) qed isemmi l-Kunsill tal-Qala u dan il-Proġett bħala eżempju anke f'laqgħat oħra. Hawn is-Sindku radd il-ħajr ukoll lill-Ministeru talli daħal għall-ispiża *extra* tat-trench għal *high tension cables*.

42.4.10 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet reward l-i*street lighting* li hemm propost għal Triq il-Fortin ta' Sant' Anton. Il-Perit wieġeb li din hi ħaġa li jrid jara fuq l-*engineer* minħabba *distribution* ta' dawl. Intlaħaq qbil li tintbgħat email lid-Direttur Eko Għawdex is-Sur Joseph Cutajar biex nitolbu b'mod formali li l-Ministeru jiffinanzja *street light* li jaħdem bl-enerġija tad-dawl. Għandi jiġi ċċarat ukoll mas-Sur Cutajar min għandu jixtri dan l-i*street lighting*.

## 42.5 Aġġornament fuq it-Tender: "Civil, paving and embellishment works at various locaitons within Qala, Gozo"

42.5.1 Fil-Preżenza tal-perit, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-Evalwazzjoni u ta' rendikont lil Kunsill fuq l-offerti li saru u r-rakkomandazzjoni tal-Bord. Il-Kunsill qabel li tiġi aċċettata l-offerta ta' Mark Attard peress li tiegħu kienet l-irħas offerta li kienet *technically compliant*.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 42.6 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

42.6.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tkelmet dwar l-*istreet lights* fi triq Fortin ta' Sant' Antnin. Staqsiet x'fondi nistgħu napplikaw għalihom, u li żewġ bozoz ikunu bizzejjed. Is-Sindku wieġeb li ser issir talba lil Ingineer Galea Curmi biex naraw x'jista' jsir hemmhekk.

42.6.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar is-sitwazjoni tal-ilma fl-isqaqien ta' triq il-Wardija. Is-Sindku qal li saret talba lid-dipartiment tal-artijiet biex naraw humiex propjeta tal-Gvern jew tal-privat. L-iskrivana rrappurtat li bagħtet kopja tas-siteplan lis-CEO tal-Water Services Corporation u li dan tal-aħħar xtaq ikun jaf humiex propjeta' privata. L-iskrivana ser tkun qiegħda tagħmel chasing lil *Government Propoerty Division* fuq dan.

42.6.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmit bank fuq il-Belvedere li jeħtieġ tiswija. Is-Sindku wieġeb li ser jinbidlu l-injam li hemm maqsumin.

42.6.4 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li għas-sena d-dieħla naħsbu qabel. Ipproponiet ukoll li l-bankarelli għal Christmas Market jiġu bbukkjati mill-ewwel. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tieħu f'idejha l-attivitajiet tal-Christmas Market 2022.

42.6.5 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar il-mera tat-traffiku fejn il-bust ta' Patri Gużepp Portelli. Is-Sindku wieġeb li nxtraw l-affarijiet kollha, iżda xhin marru biex iwaħħluha, l-ħaddiema rrappurtaw li s-sid tal-propjeta' qed joġġezzjona li titwaħħal ma propjetà tiegħu. Inġieb parir mingħand avukat dwar dan. L-avukat issuġġerixxa li l-kanna ssir mal-art bejn żewġ propjetajiet. Is-Sindku qal li qiegħed jipprova ma jqajjimx kwistjonijiet.

42.6.6 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li hemm toqba fiz-zona ta' Kassja, faċċata tal-post ta' Agatha Vella. Is-Sinku se jkun qed jara li din tissewwa.

42.6.7 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li hemm żewġ bozoz fejn il-Monument ta Patri Ġużepp Portelli mhux jixgħelu. Is-Sindku ħa jkun qed jibgħat lill-*electrician* biex jarahom.

42.6.8 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa l-Kunsill kienx tkellem mad-Direttur Eko Għawdex dwar il-konsum ta' dawl u ilma fid-*dog park* ta' Gnien il-Familja. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv bagħat email reminder lid-Direttur Eko Għawdex dak il-ħin stess.

42.6.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irraporta li hemm bozza mhux tixgħel fi triq Belvedere, fejn Pawlu tan-namra. Is-Sindku ser ikun qed jiċċekja.

42.6.10 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li l-yellow lines fi triq il-Klin ma hemmx għalfejn jibqagħu daqshekk twal. Is-Sindku ser ikun qed jiċċekja ma Joseph Xerri dwar dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

42.6.11 Is-Sindku Paul Buttigieg qal li qed jieħu l-kwistjoni tad-disabled parking bis-serjeta', u li ser ikun qed ikompli jsegwi l-każ ma Transport Malta wara l-ewwel tas-sena.

42.6.12 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai irrapporta li qed ikun hemm numru ta' trakkijiet li jsuqu kontra l-*one way* fi triq il-Mithna. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed isegwi dawn il-każijiet mal-iskrivana.

42.6.13 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg tkellem fuq ic-*charging pillars* tal-karozzi. Qal li hu iċċekja u minn Malta qalulu li dawn saru skond feedback li l-Kunsill kien ta madwar 4 snin ilu. Is-Sindku Paul Buttigieg u l-Kunsillier Karl Buttigieg, li huma l-unika membri f'dan il-Kunsill li kienu prezenti f'dak iż-żmien, qalu li ma jafu xejn b'dan.

## 42.7 Sejħa għal skrivan full time fil-Kunsill tal-Qala;

42.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' spjegazzjoni lill-Kunsill fuq iċ-ċirkostanzi li qed jikkawżaw il-ħtieġa biex tinħareġ sejħa għal skrivan *full time* fil-Kunsill Lokali.

42.7.2 Il-Kunsill unanimament approva li ssir talba lid-Dipartiment biex tinħareġ sejħa għal din l-istess pożiżżjoni.

42.7.3 Il-Kunsill qabel ukoll li huwa jinsab f'pożizzjoni li jikkommetti ruħu għal fondi meħtieġa biex minnhom jiġu allokati l-flus għas-salarju addizzjonali b'mod indefinit.

## 42.8 Materji Amministrattivi

42.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċievejna ċirkulari dwar Skema għal Attivitajiet Kulturali. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw taħt din l-iskema biex tiġi ffinanzjata l-Qala International Folk Festival.

42.8.2 Ġew trattati tliet stimi fir-rigward għal xogħol ta' restawr għall-iStatwa S.Ġużepp fi Pjazza Republika. Il-Kunsill qabel li tiġi aċċettata l-irħas stima, cioe dik offerta mis-Sur Ronald Mifsud.

42.8.3 Ġew trattati tliet stimi għal *Sleeping Police*. Il-Kunsill qabel li nistennew mingħand il-perit u tintgħażel l-irħas waħda hekk kif irrikmandata lil perit skond l-*ispecifications* mogħtija minn *Transport Malta*.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

42.8.4 Ġiet diskussa stima minn Tony Grima għal *stickers* biex jitwaħħlu fuq il-*pots* tal-Urban Greening Projects, liema stima qamet €490 (vat mhux inkluż). Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata din l-istima.

42.8.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta lill-Kunsill li irċieva kont mingħan Abakus Solutions ta' €413 li jkopri servizz mogħti bejn 01/09/2016 u 31/08/2017. Qal li skond ir-*records* li sab ma jidhirx li dan il-kont kien tħallas qabel. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitħallas.

## 42.9 Korrispondenzi

42.9.1 Ittra mingħand Joseph Mamo fejn irringrazzja lill-Kunsill għall-oġġezzjoni li qiegħda ssir kontra l-isvilupp ġo Hondoq.

42.9.2 Talba mingħand BOV biex issir *board resolution* li biha l-iskrivani tal-Kunsill jingħataw ċavetta biex jiddepożitaw il-flus ġo *night safe* tal-bank. Il-Kunsill qabel ma dan.

42.9.3 Email mingħand Transport Malta (TM) dwar l-isem ta' triq ġdida fi Triq il-Mitħna. L-isem "triq taċ-ċallu" kif propost mill-Kunsill ma aċċettawiex għax għandhom *policy* biex ma toroq ġodda ma jkunux jikkonsistu f'laqmijiet. Il-Kunsillier Karl Buttigieg ippropona li jiġi propost bħala isem ġdid "Triq l-Arċipriet Dun Anton Sultana". Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

42.9.4 Kopja ta' protest ġudizzjarju mill-Qorti, liema protest ġie intavolat minn Carmelo Pace kontra TM fejn fih Pace qed jitlob li jsir *double yellow line* tul sqaq fi triq il-Wardija.

## 42.10 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

42.10.1 Saret talba mis-Sur Mark Camilleri, li kien rebaħ tender tal-Kunsill snin ilu, u liema xogħol sar sabiex biex tiġi rilaxxata il-garanzija bankarja li għad hemm marbuta ma dan it-tender. Il-Kunsill qabel li din il-garanzija tiġi rilaxxata.

42.10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 13/2021. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 42.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-19:59. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Jannar 2021 fl-16:30.

**(IFFIRMAT)**

Paul Buttigieg
Sindku

**(IFFIRMAT)**

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt